MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Rikors Numru. 60/2015

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi l-esponenti zzewweg fit-3 ta' Dicembru 1977, u minn dan iz-zwieg kellhom tifla, F, li twieldet fit-23 ta' Gunju tas-sena 1980 u ghalhekk llum hija maggorenni;
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin permezz ta' kuntratt redatt minn Nutar Dottor John Cachia Zammit fit-30 ta' Jannar tas-sena 1997, anness u mmarkat Dok A;
3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minhabba illi ilhom separati minn xulxin ghal aktar minn sbatax (17)-il sena, llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
4. Illi l-intimata irrinunzjat ghad-dritt taghha li tircievi manteniment u dan skont klawsola numru 3 ta' l-imsemmi kuntratt u ghalhekk ma hemm l-ebda pendenza fuq dan ir-rigward;
5. Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-ligi;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

a) Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar it-3 ta' Dicembru tas-sena 1977 jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;
b) Tordna li d-digriet ta' din il-Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skont il-ligi; u
c) Taghti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Frar, 2015;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mit-30 ta' Jannar 1997;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------